C/2024/3276

22.5.2024

# Avviż għall-attenzjoni ta' entità soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(C/2024/3276)

L-informazzjoni li ġejja hi miġjuba għall-attenzjoni tal-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) (Nru 123), entità li tidher fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/CFSP ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2432 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([3]) kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2430 ([4]) dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill jipprevedi li jinkludi l-entità msemmija hawn fuq fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 ([5]) u fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 ([6]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.

L-entità kkonċernata hija b'dan infurmata li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill biex tikseb l-abbozz tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, qabel id-29 ta' Mejju 2024, indirizzata lil:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1 Global and Horizontal Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.
([2]) ĠU L 318 I, 12.12.2022, p. 32.
([3]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.
([4]) ĠU L 318 I, 12.12.2022, p. 20.
([5]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20.
([6]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1.